

(3) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

(¹) ĠU C 86, 23.03.2013.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (l-Ungerija) fit-2 ta' Settembru 2013 — Ġenerali-Providencia Biztosító Zrt. vs Közbeszerzési Hatóság — Közbeszerzési Döntőbizottság

(Kawża C-470/13)

(2013/C 367/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Ġenerali-Providencia Biztosító Zrt.

Konvenut: Közbeszerzési Hatóság — Közbeszerzési Döntőbizottság

Domandi preliminari

- (1) L-Istati Membri jistgħu jipprevedu l-esklużjoni ta' operatur ekonomiku mill-parteċipazzjoni f'sejħa għal offeriti pubblika għal motivi differenti minn dawk elenkati fl-Artikolu 45 tad-Direttiva 2004/18/KE (¹) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi], b'mod partikolari għal motivi li jistgħu jkunu ġġustifikati minn raġunijiet relatati mal-protezzjoni tal-interessi pubbliċi, mal-interessi leġittimi tal-awtorità kontraenti, mal-lealtà tal-kompetizzjoni kif ukoll maż-żamma ta' kompetizzjoni leali? Fl-affermattiv, l-esklużjoni ta' operatur ekonomiku mill-parteċipazzjoni f'sejħa għal offeriti pubblika hija konformi mat-tieni premessa tal-espożizzjoni tal-motivi ta' din id-direttiva kif ukoll mal-Artikoli 18 TFUE, 34 TFUE, 49 TFUE u 56 TFUE, sa fejn dan l-operatur wettaq ksur relatat mal-attività kummerċjali jew professjonali tiegħu kkonstatat permezz ta' deċiżjoni ta' qorti li għandha awtorità ta' *res judicata*, mogħtija matul il-ħames snin preċedenti?
- (2) Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi fin-negattiv għad-domandi 1, id-dispożizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 45(2) tad-Direttiva 2004/18, b'mod partikolari dawk tal-punti (ċ) u (d) għandhom jiġu interpretati fis-sens li huwa possibbli li jiġi eskluż mill-parteċipazzjoni f'sejħa

għal offeriti pubblika kull operatur ekonomiku li jkun wettaq ksur kkonstatat minn awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja f'proċeduri ta' investigazzjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni mibdija minħabba l-attività ekonomika jew professjonali tiegħu u li jkunu ġew imposti fuqu s-sanzjonijiet previsti fil-qasam tal-kompetizzjoni minħabba dan il-ksur?

(¹) Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Gerechthof Arnhem-Leeuwarden (il-Pajjiżi l-Baxxi) fis-16 ta' Settembru 2013 — F. Faber vs Autobedrijf Hazet Ochten BV

(Kawża C-497/13)

(2013/C 367/37)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Gerechthof Arnhem-Leeuwarden (il-Pajjiżi l-Baxxi)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: F. Faber

Konvenuta: Autobedrijf Hazet Ochten BV

Domandi preliminari

- (1) Il-qorti nazzjonali għandha l-obbligju, kemm minħabba l-prinċipju ta' effettività, kemm minħabba l-livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi li huwa intiż mid-Direttiva 1999/44 (¹) fl-Unjoni, kif ukoll minħabba dispożizzjonijiet jew regoli oħra tad-dritt tal-Unjoni, li teżamina *ex officio* jekk, f'kuntratt, ix-xerrej huwiex konsumatur fis-sens tal-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 1999/44?
- (2) Jekk l-ewwel domanda teħtieġ risposta affermattiva, din tapplika wkoll jekk il-fajl tal-proċess ma jinkludix punti ta' fatt (jew jinkludix punti ta' fatt insuffiċjenti jew kontradittorji) li jippermettu li tiġi stabbilita l-kwalità tax-xerrej?
- (3) Jekk l-ewwel domanda teħtieġ risposta affermattiva, din tapplika wkoll fi proċeduri ta' appell li fihom ix-xerrej ma jikkontestax id-deċiżjoni tal-ewwel qorti li ma għamlitx (*ex officio*) dan l-eżami fid-deċiżjoni tagħha u li ma eżaminatx espressament fiha iktar 'il quddiem jekk ix-xerrej jistax jiġi kklassifikat bħala konsumatur?